Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# Kif titkellem mat-tfal dwar il-vaċċini COVID-19

L-aġġornat l-aħħar: 8 t'Awwissu 2022

Il-vaċċinazzjoni hi rrakkomandata wkoll għal xi tfal li għandhom minn 6 xhur sa 4 snin li huma severament immunokompremessi, jew għandhom diżabilità, kif ukoll kundizzjonijiet kumplessi u/jew multipliċi tas-saħħa li jżidu r-riskju tagħhom ta' COVID-19 sever. Hi ħaġa naturali li t-tifel tiegħek ikun kurjuż u jkollhom ħafna mistoqsjiet dwar il-vaċċinazzjonijiet COVID-19. Hawn xi pariri li tista' ssib utli meta titkellem ma' uliedek qabel u wara li jirċievu l-vaċċin.

Hu importanti li żżomm ruħek aġġornat dwar l-aħħar parir mediku li jinsab fuq **is-sit tal-web tad-Dipartiment tas-Saħħa u tal-Kura tal-Anzjani**.

Int tista' tiddiskuti wkoll kwalunkwe tħassib jew mistoqsijiet li għandek dwar il-vaċċinazzjoni COVID-19 mal-fornitur tal-immunizzazzjoni jew mat-tabib tiegħek qabel mat-tifel tiegħek jirċievi l-vaċċin.

Hu importanti li tisma' r-risposti tagħhom u tifhem kwalunkwe biżagħat tagħhom li għandhom dwar il-fatt li ser jiġu vvaċċinati.

- Tista' tgħidli x'taf sa issa dwar il-vaċċin COVID-19.
- Qatt ħadt qabel vaċċin?

It-tifel tiegħek probabbli kien ħa vaċċin qabel u għandu mnejn ma kinitx daqshekk xi ħaġa ta' barra d-dinja.

Spjega onestament b'mod li hu xieraq għall-età tagħhom dwar x'taf dwar il-vaċċin COVID-19.

Ftakar lit-tfal jieħdu sinjali emozzjonali mill-adulti, mela jekk taqsam magħhom b'mod esaġerat il-biżgħat jista' ma jkunx kostruttiv u jista' jagħmel lit-tifel tiegħek iħossu mhux komdu.

Spjega lit-tabib jew il-professjonist mediku ser jistaqsi lit-tifel tiegħek xi mistoqsijiet, lit-tifel tiegħek ser jingħata labra f'driegħu, (jew fir-riġel jekk għandhom minn 6 xhur sa inqas minn 5 snin) li ser iħoss tingiża żgħira u wara għandhom mnejn iħossu ftit uġigħ fejn tidħol il-labbra. Żgura lit-tifel tiegħek billi tgħidilhom li hi ħaġa normali li jħossu ftit uġigħ fil-post fejn daħlet il-labbra, u tfisser li l-mediċina qed taħdem.

Jekk it-tfal tiegħek jidhru inkwetati dwar it-teħid tal-vaċċinazzjoni, ipprova esplora aktar dwar kif iħossuhom jew ikseb aktar pariri mit-tabib tiegħek jekk hemm bżonn dan.

## Wieġeb il-mistoqsijiet tat-tifel tiegħek

Ara li jkollok lesti xi risposti li jserrħu ras it-tfal tiegħek għal kwalunkwe mistoqsija lit-tifel tiegħek jista' jkollu. Hawn xi mistoqsijiet u tweġibiet prinċipali li jistgħu jgħinuk matul din it-taħdita:

Uża eżempji reali, bħal il-protezzjoni tan-nanniet tat-tfal u tkun tista' tibqa' tagħmel affarijiet bħal li tmur l-iskola u tieħu sehem fi sports tat-tim jekk tħoss li dan jista' jgħin.

Fl-Awstralja, ġew ittestjati bir-reqqa minn aġenzija biex jiżguraw li l-mediċini kollha huma kollha siguri. Mhux ser jingħataw lill-persuni kieku ma kinux siguri.

Jekk it-tfal tiegħek jibżgħu mill-labar, tekniċi effettivi ta' preparazzjoni u kif taljenahom huma importanti.

Jekk it-tfal tiegħek għalqu 5 snin jew akbar, għandu mnejn jgħin jekk tmorru post iżgħar,aktar familjari, bħal l-ispiżerija lokali jew għand it-tabib tal-familja. Siti tal-vaċċinazzjon kbar jistgħu jkunu storbjużi u mħabbtin u jinkwetawhom aktar.

Ġieb miegħek il-ġugarelli favorit jew kotba tat-tfal tiegħek biex toħloq esperjenza pożittiva u taljenhom.

Għarraf lill-provveditur tiegħek minn qabel jekk it-tfal tiegħek jibżgħu mill-labar biex ikun jistgħu jaraw li jwarrbu ħin biżżejjed u jkunu żguri li l-proċess ma jkunx mgħaġġel jew sfurzat.

Int tista' żżur **is-sit tal-web tad-Dipartiment tas-Saħħa u tal-Kura tal-Anzjani** f'www.health.gov.au għal aktar tagħrif dwar il-vaċċin.

Int tista' ċċempel lin-National Coronavirus Helpline u l-COVID-19 Vaccine Helpline (Il-Linja Nazzjonali tal-Għajnuna tal-Coronavirus u tal-Vaċċin COVID-19) fuq **1800 020 080**. Agħfas għażla 8 għal servizzi bla ħlas tal-interpretar.

Jekk int trux, jew għandek impediment tas-smigħ jew tat-taħdit, tista' ċċempel lin-National Relay Service fuq **133 677.**